MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2014

Appell Kriminali Numru. 84/2013

Appell Numru: 84/2013

Il-Pulizija

Vs

Mario Manicaro

Illum, 06 ta' Marzu, 2014

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Mario Manicaro, detentur tal-karta tal-identita bin-numru: 306866M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Akkuzat talli nhar il-5 ta' Mejju, 2012 ghall-habta tal-17:00hrs waqt li kien gol gond 141, Pearl N' Emerald, Triq Santa Marija, Tarxien:

1. Bl-imgieba tieghu ikkaguna lil martu Maria Victoria Manicaro biza` li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta` taghha jew kontra l-persuna jew il-propjeta ta xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti ahwa subien jew bniet jew xi persuna ohra msemmija fl-artikolu 222(1) tal-kodici kriminali.
2. U talli fl-istess data, hin, u lok hebb ghal martu Maria Victoria Manicaro u kkagunala griehi ta' natura hafifa hekk kif iccertifika minn Dr. Malcolm Paul Galea M.D. ta' Paola Health Centre u Dr. Maureen Bezzina ta' Mater Dei Hospital.
3. Aktar talli fl-istess data, lok u hin ingurja u/jew hedded lil martu Maria Victoria Manicaro, jew jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni.
4. Aktar talli fl-istess data, lok u hin kiser xi projbizjoni jew restrizzjoniji u cioe` kiser l-Ordni ta' Protezzjoni mposta fuhu b'Ordni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta – Qorti tal-Familja) b'sentenza datata lilhu nhar is-26 ta' Settembru, 2011 mill-Magistrat Dr. A. J. Vella LL.D;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-11 ta' Frar, 2013 fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 339(1)(e), 251B(1), 412C(7) u 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill imsemmi imputat hati tal-ewwel (1), it-tieni (2) u t-tielet (3) akkuzi u ghaldaqstant ikkundannatu xahar prigunerija.

Ma sabithux hati tar-raba` (4) akkuza u lliberathu minnha.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

Rat ir-rikors tal-appellant Mario Manicaro minnu pprezentat fid-19 ta' Frar, 2013 fejn talab lil din il-Qorti jogħoġobha tirrevoka s-sentenza appellate billi tiddikjarah mhux hat ital-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u tilliberah minn kull htija u piena skond il-ligi jew sussidjarjament billi, f'kaz ta' sejbien ta' htija, tapplika piena iktar konfacenti mac-cirkostanzi tal-kaz.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravji tal-appellant w cioe':-

6. L-esponent jilminta mis-sejbien ta' htija fuq it-tlett imputazzjonijiet. Fir-rigward ta' l-ewwel imputazzjoni l-esponent jissottometti li gjaladarba l-incident ta' bejn il-partijiet sabet lill-appellant hati tat-tieni imputazzjoni li hebb ghal martu u kkagunalha ferita ta' natura hafifa, ma setghetx issib lill-espoinent hati li nkuta biza fiha li ser tintuza vjolenza kontra taghha. Jekk skond il-prosekuzzjoni ntuzat il-vjolenza kontra l-appellant (skond it-tieni imputazzjoni li taghha nstab hati), l-appellant messu gie lliberat mill-ewwel imputazzjoni ghaliex din ma tistax tigi kkunsidrata hlief imputazzjoni alternattiva ghat tieni imputazzjoni.
7. Dwar it-tieni imputazzjoni, l-esponent ma jinnegax li hu u martu spiccaw jaghtu lil xulxin izda, skond kif dejjem sostna l-appellant, huwa rreagixxa biss wara li martu gidmitlu xoftu u ghalhekk dan il-kaz l-ewwel Qorti messha rriteniet l-offiza bhala wahda skuzabli skond l-artikolu 230(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Hawn ta' min jispjega u jenfasizza li kien l-istess appellant li mar jirraporta lill-pulizija l-aggressjoni ta' martu fuqu u fil-fatt intbaghat il-poliklinika mill-istess pulizija qabel ma martu resqet l-ghassa.
8. Illi dwar it-tielet imputazzjoni l-esponenti jilminta mill-fatt li ma ngiebu ebda provi biex jissostanzjaw tali akkuza.

9. Illi in rigward tal-piena l-esponent jilminta minn nuqqas ta′ apprezzament xieraq daparti tal-Ewwel Qorti tac-cirkostanzi tal-kaz. Gie imfisser lill-Ewwel Qorti li sabiex l-appellant ikun jista` ihallas il-manteniment lil martu ghaliha u ghall-uliedhom, l-appellant sab impjieg regolari full time mal-Gvern. Mill-fedina penali setgha jigi kkonstatat li fil-fatt il-manteniment ifffissat mill-Qorti qed jigi mhallas regolarment u fil-fatt ma ghadhomx isiru kwereli minn martu dwar in-nuqqas ta′ hlas ta′ manteniment. Gie mfisser wkoll lill Qorti li l-appellant ghadu fil-perjodu probatorju fl-impieg tieghu mal-gvern u li ghalhekk sentenza effettiva ta′ prigunerija kienet ser tipperikola tali impjieg tieghu u konsegwentement twassal ghall-impossibilita` li l-apppellant ikompli jivversa l-manteniment ordnat. F′dawn ic-cirkostanzi l-piena ta′ sentenza effettiva nflitta fuq l-appellant hija kontro-produttiva anke ghal parte civile ghaliex jekk din tigi kkonfermata, l-appellant jispicca minghajr impjieg u minghajr mezzi sabiex ikompli jhallas l-manteniment kif qed jghamel bhalissa. Gie inoltre mfisser illi l-Ewwel Qorti li l-appellant, minhabba l-agir ta′ martu li b′mod jew iehor tara kif tkeccih minn daru billi tohloq incidenti bhal dawn, ddecieda li minn jeddu jitlaq mid-dar matrimonjali u jmur joqhod band′ ohra sabiex jevita ncidenti ohra maghha. Tali decizjoni tal-appellant ser telimina l-possibilita` jew potenzjal ta′ ncidenti ohra bhal dawk mertitu ta′ dan l-appell.

Ikkunsidrat.

Dina hija kawza ta′ vjolenza domestika bejn l-appellant u martu Maria Victoria Manicaro li gara fir-residenza taghhom fil-5 ta′ Mejju, 2012 fejn gie allegat illi l-appellant infexx fi vjolazzjoni u agressjoni kontra martu u l-propjeta taghha, hebb ghaliha, kkagunalha griehi ta′ natura hafifa. B′Sentenza tal-11 ta′ Frar, 2012, filwaqt illi l-appellant gie lliberat mir-raba′ akkuza li kiser xi projbizzjoni jew restrizzjoni

mposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati, gie misjub hati ta’ l-ewwel tliet imputazzjonijiet u kkundannat ghal xahar prigunerija.

L-appellant hassu agravat minn din is-Sentenza u minnha nterpona appell peress illi deherlu illi l-ewwel Qorti ma kkunsidratx l-fatt illi kienet l-istess parti civili, martu Maria Victoria Manicaro illi pprovokatu li wassal ghal din l-agressjoni, kienet l-istess martu illi agredietu, kkawzatlu feriti tant li l-pulizija baghtuh il-Polyclinic sabiex jigi ccertifikat l-feriti illi garrab.

Ikkunsidrat.

Maria Victoria Manicaro xehdet illi s-Sibt 5 ta’ Mejju, 2012 u ghal habta tas-2:00 ta’ wara nofsinhar zewgha l-appellant gie d-dar fis-sakra u ried li jkollu x’jaqsam maghha, hi rrifjutat, ir-ragel beda jirrabja u kien f’dan il-mument illi gidmitlu xoftu. Hawnhekk ir-ragel, l-appellant infexx fi vjolenza liema bhala, taha daqqa ta’ harta u beda jwaddab u jkisser l-affarijiet li kien hemm id-dar, dana apparti t-theddid u l-kliem hazin illi kien indirizzat lejha. Wara li ghamlet rapport lill-pulizija marret il-Polyclinic fejn rriskontraw illi kellha feriti ta’ natura hfief. Minn dak l-incident Maria Victoria Manicaro ma baqghetx aktar toqghod ma l-appellant u fil-fatt qeghdin fi proceduri ta’ separazzjoni.

L-appellant xehed illi kienu ilhom sejrin is-snin b’din l-istorja, mhux veru illi kien fis-sakra jew illi huwa ried li jkollu x’jaqsam mal-mara tieghu, dakinhar huwa tela’ fil-kamra tas-sodda sabiex jorqod izda kienet il-mara li avvicinatu illi riedet tkun intima mieghu u hu rrifjuta. Meta rat hekk martu gidmitu fuq xuftejh u hu fferocja, nnega pero’ illi taha daqqa ta’ ponn jew inkellha heddidha. Mistoqsi dwar ir-ritratti tal-feriti illi hemm esebiti f’dan il-Process, l-appellant qal illi ma kienx hu illi

kkawzalha dawk il-griehi izda kienet l-istess mara tieghu illi waqghet it-tarag qabel dan l-incident. L-appellant argumenta illi kien hemm inkonsistenza fix-xhieda ta' Maria Victoria Manicaro, kienet hi li bdiet l-agressjoni meta gidmet xuftejn l-appellant u r-reazzjoni tieghu vera illi qabzet certa limitu, izda zgur kien sforz il-provokazzjoni illi kien soggett ghaliha. Illum l-appellant qieghed jahdem, impjegat mal-Water Works u jaghti lil martu €600 fix-xahar bhala manteniment, jekk imur il-habs ma jkunx jista jhallas xejn u tajjeb illi jinghata opportunita ohra.

Ikkunsidrat.

Minbarra r-ritratti tal-feriti li garbet Maria Victoria Manicaro hemm ukoll sensiela ta' ritratti ohra illi juru l-hsara estensiva illi l-appellant wettaq fid-dar tieghu stess dikinhar li beda jifferocja u jirrikorri ghall-vjolenza biex jesprimi r-rabja tieghu. Biex l-appellant wasal f'dak l-istat jidher li tilef kull sens ta' raguni, l-emozzjoni ghamlet bih u beda jkisser u jwaddab l-affarijiet l-hemm u l-hawn minghar ma jimpurtah bil-konsegwenzi ta' dak li kien qieghed jaghmel u bl-ispejjes illi kien qed jikkawza fid-dar tieghu stess.

Din il-Qorti ma temminx lill-appellant meta jghid il-feriti illi jidhru fuq Maria Victoria Manicaro gew ikkawzati qabel l-incident meta din il-mara waqghet it-tarag. Kull meta persuna tkun akkuzata bi vjolenza domestika u jigu kkawzatu feriti, l-*"stock reply"* ta' din il-persuna tkun dejjem illi l-mara waqghet it-tarag ! Dana apparti l-fatt illi minn ezami akkurat tal-mod kif il-partijiet iddeportu ruhhom fl-Awla, l-karattri u jekk ix-xhieda ghandiex mis-sewwa, l-Qorti tixxaqleb minghajr dubju dettat mir-raguni favur il-verzjoni moghtija minn Maria Victoria Manicaro. L-inkonsistenzi illi l-appellant jghid illi kien hemm fix-xhieda tal-mara kien fil-hin li gara l-incident il ghaliex fic-citazzjoni hemm imnizzel fil-5:00, mentri hi xehdet illi l-incident gara ghal habta tas-2:00.

Maria Victoria Manicaro xehdet li l-hin li jidher fic-citazzjoni huwa l-hin illi marret taghmel rapport l-ghassa, pero' l-incident sar ftit qabel, fil-fatt ic-citazzjoni tikkwalifika l-hin bil-kliem, *"ghal habta"*, fejn allura l-Qorti tista tasal ghall-konkluzjoni illi dan l-incident gara f'xi hin wara nofsinhar kif xehdet hi.

L-appellant argumenta wkoll illi dak illi ghamel kien sforz il-provokazzjoni ta' martu meta gidmitu fuq xuftejh, din il-Qorti ma jidhriliex illi dina kellha jkollha din il-konsegwenza dizastruza fuq l-appellant. Jekk l-appellant ghandu xi problema ta' ,*"anger management"* dana jrid jara kif jindirizzaha u jiehu l-kura ghaliha u mhux jinfexx fi vjolenza u agressjoni liema bhala, b'tali mod illi jaghmel hsara lilu nnifsu, lil terzu u lil propjeta tieghu. Veru illi porvokazzjoni hija rikonoxxuta bhala difiza mil-Ligi taghna, imma din ukoll ghandha l-limitazzjnijiet taghha.

L-ewwel nett a differenza ta' difiza personali t-test ghandu jkun oggettiv u mhux soggetiv, kif persuna ta' temperement ordinarja ghandha tirreagixxi fis-sitwazzjonijiet bhal dawn, u t-tieni nett skont l-Artiklu 230 C tal-Kap 9 din id-difiza tista tkun accettata jekk tkunu ipprovokata minn delitt ta' kull xorta kontra l-persuna. Hawnhekk f'dan il-kaz m'ahniex qeghdin nitkellmu fuq delitti imma se mai kontravenzjoni u persuna ta' temperament ordinarju zgur illi ma kienetx tirreagixxi bil-mod illi rreagixxa l-appellant.

Ghalhekk din il-Qorti jidhrilha illi l-appellant ma jistax igawdi mid-difiza tal-provokazzjoni kif issuggerixxa fid-difiza tieghu, dan kien kaz tipiku ta' vjolenza domestika kontra l-mara fejn l-appellant fuq pretest ta' gidma nfexx fi vjolenza u agressjoni ngusta kontra martu u l-propjeta taghhom.

Ghamlet sew il-mara meta telqet lill-appellant u marret tghix ghal rasha ghax hadd m'ghandu jkun soggett ghal dan it-tip ta' trattament illi wettaq l-appellant.

Ghalhekk din il-Qorti jidhrilha illi l-ewwel Qorti fuq il-provi illi kellha quddiemha setghet legalment u ragunevolment tasal ghal konkluzjoni illi waslet ghaliha u ghalhekk ghal dak li jirrigwardja l-meritu mhux il-kaz li din il-Qorti tiddisturba d-diskrezzjoni taghha.

Ghal dak li jirrigwardja l-piena, l-principju regolatur hu li mhux normali illi l-Qorti ta' l-Appell tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-Ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika illi kellha tkun differenti minn dak impost. Din il-Qorti jidhrilha illi l-piena nflitta hija fil-parametri tal-Ligi ghad li fl-opinjoni taghha hija mita wisq f'dawn ic-cirkostanzi ul-appellant haqqu ferm aktar, izda din il-Qorti m'ghandiex il-fakulta li tbiddilha u trid tibqa kif inhi.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi li tichad l-appell u tikkonferma s-Sentenza appellata.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------